# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

( Spettur Rennie Stivala)

Vs

Paul Attard

Illum 23 ta' Jannar, 2024

Il-Qorti

Rat illi l-imputat Paul Attard ta' 39 sena iben Alfred u Emily nee Bonello imwieled Pieta fit-30 ta' Settembru, 1978 u li joqghod 48 Triq San Trofimu Rabat Malta Detentur tal-karta tal-identita bin-numru 475978(M) u f'isem id-Direttur Generali tad-Dwana akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit- 23 ta' Awissu 2013 xjentement ittentajt tesporta minn dawn il-gzejjer zewg jetskis tal-marka SEADOO bin-numru tas-serje AA-8856ZZN1671016975879 u GTI115 CAYDV2257C11, bil-

bastiment MV LecaNord liema esportazzjoni kienet suggetta ghal-limitazzjoni jew ghat-tharis ta' kondizzjonijiet

Dan bi ksur tal-artikoli 59(2) u 62(l) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Iz-zewg *jetskis* in kwistjoni gew maqbuda mid-Dwana bin-nota ta' qbid 64/2013.

Rat Illi fit-18 ta' Mejju, 2022 din il-Qorti diversament ippresjeduta ghal mottivi kontenuti fl-istess sentenza wara li rat l-artikoli 59(2) u 62(l) tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta sabet u iddikjarat lill-imputat Paul Attard hati tal-imputazzjoni kif dedotta u ikkundannatu:

1. Ghal piena tal-muta fis-somma ta Ewro 600 li terz minnha ossia Euro 200 huma pagabbli minnuf bhala dejn Civili lid-Direttur Generali (Dwana); il-bilanc ossia Euro 400 ghandu jithallas skond il-ligi.
2. Ghal piena ta' xahrjn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghal-perijodu ta' sentenj (2) millum.
3. Tordna wkoll il-konfiska skond il-ligi tal-*jet skies* elevati u maqbuda bin-nota ta' qbid 64/2013.

Rat illi minn din is-sentenza intavola Appell Paul Attard.

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2022 inghatat sentenza fejn L-Onor Qorti tal-Appell annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiuccju tad- *doppio esame* irrinvijjat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Rat illi ai termini tal-Arikolu 11(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Artikolu 520 (1)(a) tal-Kodici Kriminali fit-22 ta' Novembru 2022 din il-kawza giet assenjata lill-din il-Qorti kif illum pressjeduta.

Rat li fil-udjenza tal-14 ta' Frar, 2023 il-partijiet qabblu li b' sentenza finali tal- Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Consuelo Scerri Herrera is-sentenza originarjament moghtija mill-Prim' Istanza giet iddikjarata bhala nulla u l-atti gew rimes lura quddiem din il-Qorti sabies issir mill-gdid it-trattazzjoni fuq il-mertu tal-kaz bl-intiza li l-Qorti taghti d-decizjoni taghha.

Rat li l-ufficjal Prosekutur xehed bil- gurament quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-*letter to prosecute* tad-Direttur Generali (Dwana ) ara folio 12 Dok CG.

Rat l-atti, xhieda u dokumenti kollha;

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2023 il-Prosekuzzjoni ittrattat il-kaz filwaqt li d-difiza ittrattat permezz ta' nota ippresentat fl-istess data;

**Ikkunsidrat**

Irrizulta in succint li fit-23 ta" Awissu, 2013 saret tficcija fuq il-bastiment MV Lega Nord da parti tal-ufficjali tad-dwana. Dan il-bastiment hu propjeta' ta Paul Attard. Waqt it-tficcija instabu sewg *jetskies* propjeta ta' Paul Attard. Gara li l-bastiment kien telaq ghal trieqtu lejn il-Libja u meta wasal hdejn l-Isla gie msejjah lura mit-turetta. Il-bastiment gie lura u telghu fuqu ufficjali tad-dwana. Paul Attard kien fuq l-istess bastiment, sid u kaptan. Waqt dan l-ezercizzju instabu il-*jet skies de quo*.

Il-*jet skies* kienu marbuta mal-kumpliment tal-merkanzija izda ma kienhux iddikjarati ( vide Dok CA1 a fol 25 sa 27) fejn il-manifest tat-taghbija kien jelenka vettura tat-triq , bcejjec tal-bahar u container mghobbi bl-ikel. Lanqas ma dawn il-*jet skies* ma kienux iddikjarati lanqas fil-*ship stores declaration* jew iddikjarati bhala *personal effects.*l-imputat naqas mill-jaghmel id-dokumentazzjoni ghall-esportazzjoni tal-*jet skies*. Skond Paul Attard il- *jetskies* kienu parti mit-taghmir tal-bastiment u jintuzaw eskluzzivament il-Libja.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza per Qorti tal-Appell Civili Paul Attard Vs Direttur Generali (Dwana) ( sede superjuri 1193/13/1 AF) li inghatat fit-30 ta` Marzu, 2022. Kemm l-interpretazzjoni tal-fatti li huma l-isess li jirrizultaw fil- procedure odjerni kif ukoll l-interpretazzjoni tal-ligi f'din is-sentenza huma tali li din il-Qorti taghmilhom taghha.

Tenut kont ta' dan kollu il-Prosekuzzjoni ippruvat il-kas taghha.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l- Artikoli 59(2) u 62(l) tal- Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Paul Attard hati tal-imputazzjonjiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah

1. Ghal-piena tal- multa ta' sitt mitt ewro ( 600) li terz minnha ossia mitejn Ewro ( 200) huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana), il-bilanc ossia Erba' mitt Ewro (400) ghandu jithallas skond il-ligi.
2. Ghal piena ta' xahrejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28 A tal Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta huma sospizi ghal zmien sentejn (2).

3. Tordna l-konfiska skond il-ligi tal- *jetskies* elevati u maqbuda per nota ta' qbid 64/2013.

Il-Qorti spjegat li Paul Attard b' mod car il-portata tar-responsabiltjiet tieghu ai termini tal-Artikoli 28A u 28B tal-Ligijiet ta'Malta.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**